



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9334/20

AGRI 195
PHYTOSAN 14
PESTICIDE 20
ENV 395

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	1 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8497/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport speċjali Nru 5/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport speċjali Nru 5/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u t-tnaqqis fir-riskji", approvati permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport speċjali Nru 5/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 5/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") intitolat "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji";
- (2) JIRRIKONOXXI, fil-kuntest tat-tħassib pubbliku li qed jiżdied rigward ir-riskji assoċjati mal-użu ta' pestiċidi, is-sejba tal-Qorti li kien hemm progress limitat fil-kejl u t-tnaqqis tar-riskji tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs);
- (3) JENFASIZZA l-importanza li l-użu sostenibbli ta' PPPs jiġi aċċelerat u li l-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara (IPM) jiġu konvertiti f' kriterji prattiċi flimkien ma' xi rakkomandazzjonijiet;
- (4) Madankollu, JENFASIZZA li l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-IPM kif definiti fl-Anness 3 tad-Direttiva Nru 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli ta' pestiċidi bdiet fl-Istati Membri minn punti ta' tluq differenti ħafna minn xulxin, li hija dipendenti ħafna fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi f'kull Stat Membru, u li waslet f' stadji differenti ħafna madwar l-Unjoni;
- (5) [...];
- (6) JENFASIZZA li d-differenzi bejn l-Istati Membri rigward it-tip ta' produzzjoni agrikola, id-distribuzzjoni tal-art, u l-varjazzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi minn reġjun għal reġjun joħolqu sfida enormi;
- (7) JINNOTA s-sejba tal-Qorti li l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-IPM ma teżiġix lill-bdiewa jżommu rekords ta' kif japplikaw l-IPM, u li l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-IPM huwa dgħajfef;

- (8) JINNOTA li monitoraġġ effettiv tal-PPPs ma kienx possibbli minħabba n-nuqqas ta' data utli, iżda li xi Stati Membri diġà jipprovdu data dettaljata fir-rigward tal-bejgħ ta' PPPs;
- (9) JAQBEL mal-Qorti li l-monitoraġġ effettiv tal-użu ta' PPPs fil-livell tal-UE jenħtieġ li jittejjeb billi jiġu previsti obbligi ta' rappurtar aktar preċiżi, inkluż data mhux aggregata aktar dettaljata dwar l-użu tagħhom f'konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, iżda b'mod prattiku u fattibbli, fil-qafas tal-obbligi ta' rappurtar eżistenti tal-bdiewa, sabiex jiġi limitat kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.
- (10) JAQBEL mal-Qorti li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) tgħin biex, permezz ta' xi miżuri, tappoġġa l-użu sostenibbli ta' PPPs u stabbiliet sistemi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli skont il-ħtiġijiet tal-bdiewa;
- (11) JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-PAK ta' wara l-2020 għall-użu sostenibbli ta' pestiċidi u biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel;
- (12) JINNOTA l-inklużjoni tal-Kummissjoni fil-proposta tal-PAK ta' wara l-2020 tal-prinċipji ġenerali tal-IPM li jikkorrispondu għal rekwiżiti li jistgħu jitkejlu fil-livell ta' azjendi agrikoli, iżda JINDIKA li t-traduzzjoni tal-prinċipji tal-IPM fi kriterji kontrollabbli hija diffiċli ħafna biex issir b'mod ġust u tirrappreżenta sfida li għaliha l-Istati Membri jeħtieġu l-appoġġ tal-Kummissjoni;
- (13) JINNOTA li xi prinċipji tal-IPM jistgħu diġà jiġu appoġġati fl-impenji tal-biedja ambjentali u organika tal-Pilastru II kif ukoll f'miżuri oħra tal-PAK, bħall-ekoloġizzazzjoni, u li, fil-proposta tal-PAK ta' wara l-2020, l-Istati Membri jista' jkollhom aktar opportunitajiet biex jappoġġaw l-IPM permezz tal-ekoskema tal-Pilastru I u l-interventi tal-Pilastru II;
- (14) JINNOTA li l-kondizzjonalità fil-proposta tal-PAK ta' wara l-2020 tista' tkun diġà usa' mill-qafas attwali ta' kondizzjonalità, u għalhekk jenħtieġ li ma jiżdied l-ebda obbligu ġdid;
- (15) JAQBEL mal-Qorti li l-provvediment ta' aktar metodi alternattivi u ta' PPPs b'inqas riskju jista' jgħin lill-bdiewa japplikaw l-IPM, u JENFASIZZA l-importanza tal-edukazzjoni, it-taħriġ, ir-riċerka, l-iżvilupp ta' tekniki u teknoloġiji ġodda u l-applikazzjoni tal-biedja ta' preċiżjoni, kif ukoll l-adozzjoni tagħhom mill-bdiewa;

- (16) JINNOTA s-sejba li l-indikaturi eżistenti tar-riskju armonizzat ma tagħtix stampa sħiħa ta' kemm ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli influwenzaw b'suċċess l-użu sostenibbli ta' pestiċidi, u lanqas ma tqis id-differenzi bejn l-Istati Membri;
- (17) JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna r-rekwiżiti tad-data, il-metodoloġiji ta' valutazzjoni u l-kriterji tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' mikroorganiżmi u sustanzi oħra biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal PPPs b'riskju baxx u biex jiġu żviluppati indikaturi aħjar tar-riskju armonizzat sabiex jiġu riflessi b'mod aktar ċar ir-riskji u l-impatt tal-użu ta' PPP għas-saħħa u l-ambjent;
- (18) JIPPROPONI li r-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-użu sostenibbli ta' pestiċidi jenħtieġ li tinkludi obbligi ċari u aktar ambizzjużi rigward it-tnaqqis tar-riskju mill-użu ta' PPPs abbażi ta' indikaturi aħjar tar-riskju armonizzat;
- (19) IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jappoġġaw dan il-proċess, filwaqt li jqisu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija dwar il-Bijodiversità.
-